MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 258/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Matthew Frendo** ta’ 29 sena, bin Joseph u Louise nee Wright, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Settembru, 1975, residenti f’ 63, Flt 3, Triq Sidtna ta’ l-Angli, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 57776(M);

Talli fit-13 ta’ Marzu, 2005 ghall-habta tas-1.10 p.m fi Triq il-Baltiku, San Giljan ikkommetta serq t’apparat tad-daqq minn vettura tal-ghamla ‘Mazda’ bin-numru tar-registrazzjoni EMM-323, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jaqbizx l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-ghamla ‘Mazda’ bin-numru tar-registrazzjoni EMM-323, liema hsara tiskorri

il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tas-sid James Testa.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputat jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja, kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura ;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk issib lill-imputat hati.

Wara li rat l-artikoli 261 (c) (f) (g), 267, 270, 271, 278, 279, 281, 325 (1) (b) tal-Kap 9.

Wara li rat l-fedina penali tal-imputat u semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li r-rifurtiva kienet ritornata u d-dikjarazzjoni tal-imputat iwieghed li jhallas l-hsara minnu kkagunata.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-Art 22 Kap 446

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------